**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Simone Grech LL.D.**

**Mary Fatima Vassallo u ghal kull interess John Vassallo detenturi tal-karta ta' l-identita' 285150M u 390646M**

**Vs**

**Amanda Scicluna**

**Rikors Guramentat Numru: 143/2019 SG**

Il-Bord,

Illum 18 ta' Settembru, 2019

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk :

1. *Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond 15 Flat 4, The Stars, Triq Alessandur, Birzebbuga, liema proprjeta' ddevolva b' wirt minghand omm l-attrici u dan kif jirrizulta mit-testment, ricerki testamentarji u testment li qeghdin jigu annessi bhala dok GMFV1 sa GMFV8 inkluzi;*
2. *Illi l-atturi dahlu fi ftehim fl-1 ta' Novembru 2015 kif jirrizulta mill-anness dok GMFV9, liema kirja kienet ghal tlett snin u ghalhekk giet terminata fil-31 ta' Ottubru 2018;*
3. *Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuta sabiex trod lura c-cwievet u dan anki permezz ta' ittra ufficjali (419/2019) datat it-12 ta' Marzu 2019 li kopja tieghu qieghed jigi prezentat bhala dok GMFV10 kif ukoll messaggi b' sms's*

*bejn John Vassallo u l-istess Amanda Scivluna li qeghdin jigu esebiti bhala dok GMFV 10A fejn f' wiehed mir-risposti tiddikjara li m' ghandhiex bzonn il-post aktar;*

4. *Illi l-atturi jiddikjaraw li l-konvenuta ma ghandha ebda eccezzjonijiet sabiex taghti kontra t-talbiet taghhom u ghalhekk din il-kawza qieghda ssir bil-procedura skond l-artikolu 16A(1)(a) tal-Kap 69, fejn il-Bord tista' tiddeciedi l-kawza minghajr ma' tghaddi ghas-smigh;*
5. *Illi l-atturi jiddikjaraw li safejn jafu huma l-intimata ma ghandha ebda difiza x' taghti kontra t-talbiet taghhom u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjonijiet annessi bhala dok GMFV11 u GMFC 11A;*
6. *Illi sallum il-pussess effettiv tal-appartament mertu tal-kawza ghadu jinsab fil-pussess tal-intimata, Amanda Scicluna, ghalkemm hi u l-familja taghha ma ghadhomx residenti hemmhekk izda huma residenti Cospicua;*
7. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, l-atturi jitolbu lill-Bord li Jirregola l-Kera jiddeciedi t-talbiet taghhom bid-dispensa tal-kawza skond l-artikolu 16A(1)(a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tghid il-konvenuta il-ghaliex dan il-Bord ma ghandhiex:*

*1. Jiddikjara l-kirja ta' l-1 ta' Novembru 2015 rigward il-fond 15 Flat 4, The Stars, Triq Alessandru, Birzebbuga terminate, stante li l-kirja ta' 1 ta' Novembru 2015 skada;*

*2. Tordna lill-konvenuta sabiex tivvaka u tizgombra mill-fond 15 Flat 4, The Stars, Triq Alessandru Birzebbuga fi zmien qasir u perentorju u trod ic-cwievet lill-atturi entro dan l-istess terminu;*

*3. Fin-nuqqas li ma jigix aderit it-tieni talba atturi, mill-konvenuta, tawtorizza u taghti kull provvediment ulterjuri sabiex il-pussess effettiv jinghata lill-atturi u dan bl-ispejjez eventwali kontra l-istess konvenuta.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 2019 (ittra 419/2019) u bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.*

*B' rizerva ta' kull dritt u azzjoni ulterjuri fil-ligi inkluz ghall-arretrati.*

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bir-rikors promotur, bid-digriet u bl-Avviz ghas-Smiegh;

Ra li l-intimata dehret fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2019 u ma kkontestatx it-talbiet tar-rikorrenti u kif ukoll seduta stante kkonsenjat lura c-cwievet lir-rikorrenti li accettawhom lura;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Mill-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti, proprjetarji tal-fond mertu tal-proceduri odjerni, permezz ta' skrittura privata kkoncedew il-fond inkwistjoni b'titolu ta' lokazzjoni lill-intimata. It-terminu miftiehem fuq il-ftehim raggunt skada izda l-intimata minkejja li giet interpellata diversi drabi, baqghet ma radditx lura c-cwievet ta' dan il-fond bir-rizultat li kellha ssir din il-kawza.

Fl-ewwel seduta mizmuma, l-intimata ma kkontestatx it-talba u rritornat lura c-cwievet lil wiehed mir-rikorrenti li kien prezenti fl-istess seduta.

Il-Bord abbazi tar-rizultanzi processwali u ta' nuqqas ta' kontestazzjoni da parti ta' l-intimata, iqis li t-talbiet tal-istess rikorrent huma misthoqqa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti, izda ai fini tat-tieni talba gialadarba gew ritornati c-cwievet waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2019, ma hemmx lok li jigi ffissat terminu perentorju hekk kif mitlub fit-tieni talba. Tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba gialadarba l-intimata gia' raddet ic-cwievet lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kif mitluba a karigu ta' l-intimata.

Dr Simone Grech